MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH S. REFALO**

Seduta tat-13 ta' Frar, 2004

Talba Numru. 2460/2003

**Dingli Co. International Limited bhala mandatrici tas-socjeta' estera ta' The Performing Right Society ta' Londra**

**vs**

**Astoria Limited**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-11 ta' Dicembru, 2003 fejn intalab il-hlas ta' mitejn u dsatax-il lira Maltija u tnejn u sittin centezmu (Lm219.62) kwantu ghal sebgha u erbghin lira u hmistax-il centezmu (Lm47.15) Royalty dovuta bil-quddiem ghall-perjodu 6 ta' Gunju, 2003 sal-5 ta' Gunju, 2004, in konnessjoni mal-licenzja Nru 011960 (Dok A) kif ukoll mija u tlieta u erbghin lira u tlieta u tmenin centezmu (Lm143.83) Royalty dovuta bil-quddiem**

**ghall-perjodu 6 ta' Gunju, 2003 sal-5 ta' Gunju, 2004 (Dok.B) rilaxxata mis-socjeta' attrici a favur tal-konvenut, b'liema licenzja l-konvenut qieghed jigi moghti d-dritt li jxandar lill-pubbliku muzika tutelata fl-istabbiliment "Nero Restaurant u Giorgianis" San Giljan, rispettivament, u tmienja u ghoxrin lira u tmienja u hamsin centezmu (Lm28.58) Taxxa fuq il-Valur Mizjud.**

**Is-socjeta' attrici qieghda titlob ukoll il-hlas tal-imghaxijiet kummercjali dovuti fuq is-somma mitluba mid-data ta' l-iskadenza relattiva sal-hlas effettiv, kif ukoll l-ispejjez ta' l-avviz, komprizi dawk tal-ittra legali tal-15 ta' Settembru, 2003 kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.**

**Ra l-kapitolu prezentat mis-socjeta` attrici fit-3 ta' Frar, 2004, ghas-subizzjoni tal-konvenut. Ra li rapprezentant tas-socjeta` konvenuta baqa' ma deherx.**

**Ghaldaqstant fil-kontumacja tas-socjeta` konvenuta, it-Tribunal qed jilqa' t-talba tas-socjeta` attrici u jikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas lis-socjeta` attrici is-somma ta' mitejn u dsatax-il lira Maltija u tnejn u sittin centezmu (Lm219.62) bl-imghaxijiet legali mis-6 ta' Gunju, 2003. Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra legali tal-15 ta' Settembru, 2003, kontra s-socjeta' konvenuta.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------